**RAFEL BONNICI CALÌ, l-aktar membru anzjan tal-Għaqda Maltija Tal-Folklor. Fl-okkażjoni tal-għeluq tat-92 sena tiegħu, intervistat mill-Editur**

**Għidilna kemm għandek żmien, u dwar tfulitek . . .**

Twelidt f'Ħal Tarxien fil-ħdax ta' Ġunju 1907; missieri Fredu Bonnici u ommi Carmela Calì kienu mill Birgu iżda tejġu f'Ħal Tarxien fejn sabu dar aktar arjuża u rħisa. Trabbejt Ħal Tarxien u mort fl-iskola t'hemm, li kienet l-aħjar skola tal-gvern li kellha *standard six* u klassi speċjali *standard seven.* Dak iż-żmien kellna tliet lingwi, Malti, Taljan u Ngliż. L-aritmetika dejjem għaddejt minnha, tant li spiss kont niġi dikjarat *captain of the class* bl-obbligu li nirreġistra il-gradi tat-termometru tat-temp ta' kuljum. Kont tajjeb f'kollox, iżda ta' ħmistax il-sena xbajt u tlaqt għax ħassejtni aktar miġbud lejn l-arti tal-pittura, imma missieri riedni nkompli l-iskola biex insir perit jew professjoni oħra ta' qliegħ il-flus, għax l-artisti Maltin kollha kienu bla xogħol u batuti. Malta saret tajba biss għan-nies tas-snajja li jaħdmu bil-magni u l-elettriku. Malta kienet maħkuma mill-barranin, l-aktar Taljani, tant li kellna invażjoni ta' barbiera, mastrudaxxi, ħajjata kif ukoll artisti.

**Kif bdejt il-karriera tal-pittura?**

Ommi kompliet miegi biex insir pittur, u ħaditni għand iz-ziju tiegħi, il-famuż Ġużeppi Calì, u dan żammni bħala student tiegħu b'imħabba familjari bla ħlas. Iżda fl-1925 huwa marad u jiena komplejt nitgħallem l-arti ma' ibnu Ramiro Calì u surmastrijiet oħra Maltin fil-klassijiet tad-disinn u modellatura li kellna fl-iskola l-kbira Tar-raħal. Fl-1927 mort fl-iskola ġdida ta' l-arti li fetaħ il-gvern fil-Belt fejn ma sibtx surmastrijiet tajbin u tlaqt biex nibda l-karriera personali, naħdem kull xogħol artistiku li nsib, ibda minn ritratti tal-kulur sad-dekorazzjoni tal-karrozzi tal-linja, li kont inpinġihom bil-girlandi tal-fjuri u pittura tal-qaddisin, li minnhom biss kont naqla l-flus biex niekol. Dun Gejt Mifsud, li kien il-kappillan tal-Ħamrun, għoġbuh wisq il-figuri tal-qaddisin ta' fuq il-karrozzi, bħal-Madonna, San Pawl u oħrajn; għalhekk qabbadni npinġilu tliet kwadri kbar għall-knisja, jiġifieri San Pietru, San Pawl u kwadru kbir ħafna ta' l-agunija ta' San Gejtanu waqt li kellu dehera tal-Madonna bil-Bambin. Dawn lestejthom fl-1932 u qlajt ħafna tifħir fil-gażżetti u mill-parruċċani Ħamruniżi, tant li l-mexxejja tal-banda ta' San Ġużepp qabbduni nagħmel dekorazzjoni fis-sala tal-każin tagħhom.

**X'pittura aktar komplejt taħdem?**

Xogħol akbar sibt fit-teatri kbar meta beda t-*talkies,* l-ewwel fil-Capitol ta' L-Belt, mbagħad fil-Majestic, fil-Carlton u l-Orpheum tal-Gżira li fihom għamilt kwadri kbar ta' storja, allegorija u dekorazzjoni oħra ta' natura patrijottika, fosthom *frieze* ta' sittax il-figura ta' kompożituri Maltin tal-mużika, li fihom sibt għajnuna mill-iskultur xiħ Fredu Azzopardi mill-Imsida. Il-ftehim bejn l-artisti huwa sabiħ ħafna iżda l-artisti Maltin rari biex jifhmuha, u sal-ġurnata ta' llum għadhom bla ma għamlu unjoni ta' l-artisti kollha; għadhom mifrudin.

Jiena kont aktar mixħut biex inpinġi arti sagra għall-knejjes, u rnexxieli npinġi s-soqfa ta' knejjes kbar bħal taż-Żurrieq u xogħolijiet oħra fil-knejjes ta' Ħal Tarxien, tal-Birgu u Bormla, kif ukoll kwadri ta' l-altari f'San Pawl tal-Belt, Ħal-Luqa u Għawdex.

**Għidilna xi ħaġa dwar ix-xogħol ta' restawr li kont tagħmel . . .**

Bħala restawratur kont ħdimt ukoll fl-istess knejjes li semmejt u fi knejjes oħra bħal dawk ta' L-Isla, Tas-Sliema, u kappelli fosthom Santa Duminka f'Ħaż-Żabbar fejn sibt affresko moħbi bejn il-ħitan li rnexxieli naqalgħu u nġorru fil-mużew tal-parroċċa Tal-Grazzja; dan kien l-aktar xogħol kbir li bħalu , qabli qatt ma kien għadu sar f'Malta. Restawr ieħor diffiċli kien dak ta' l-ikona medjovali ta' San Lawrenz fuq it-Tron li oriġinarjament kien tal-Gran Mastru L-Isle Adam, għalhekk, meta fl-1938 ġie Malta l-Gran Mastru Ludovico Chigi, ippreżentali medalja tal-fidda talli kont kapaċi nsalva dan it-teżor tal-Kavallieri.

**Liema xogħol li għamilt int għad għandek l-aktar għal qalbek?**

Ma nistax ngħidlek liema xogħol għandi l-aktar għal qalbi, iżda nista' biss ngħidlek, li l-ewwel kapolavur tiegħi kien il-pittura tas-Sagra Familja, fl-1932, li għaliha oħti Lorenza ppużatli bħala l-Madonna, u ħija Manweli ppoża bħala San Ġużepp; tarbija f'dirgħin ommha, ġirien tagħna, servietni ta' mudell għall-Bambin Ġesu.

**Int pinġejt ukoll xeni mill-folklor Malti; kif tħajjart tagħmel dan?**

Jiena dejjem kont ħabib ta' Ninu Cremona u Ġużè Cassar Pullicino meta dawn kienu jgħixu f'Ħal Tarxien u huma stess qabbduni t-triq bħala pittur tal-folklor ; Kont

**maghhom meta llimkien mal-lahih Charles Cassar, waqqlu I Chaqda Maltija tal-Folklor. Bdejt ukoll nikteb xi arlikoli ghal "L-Imnara".**

## X'pariri tixtieq taghti till qarreja?

**Il-parir li naghti lil kulhadd huwa li dejjem ihohbu dak kollu li hu Malti, fosthom kull xoghol u drawwa reliġjuża, soċjali u kulturali; Jidhirli li weġibt** ghal **dak kollu li staqsejtni u ntemm billi nirringrazzjak** ħafna ghal din l-intervista u nselli għall-imseħbin kollha tal-Għaqda.

*Rafel Bonnici Califissala tal-wirja ta'(-"ex-voto li hmva" organizza għall-Għaqda Maltija tal-Folklorfl-1973*

*Eiempii tu'pittura ta' Rafel Bonnici Cali*